MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Numru. 923/2002

PULIZIJA
SPETTUR YVETTE FARRUGIA
VS
MARY AGIUS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Mary Agius ta' 35 sena bint Michael u Helen mitwielda Cilia imwielda Pieta fid-19 t'a Lulju 1967 u toqghod Blk 14, Dr 1, flat 9, Trejqet il-Ward, Santa Lucia detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 293567M talli fit-12 ta' Gunju 2002 bejn it-tmienja u nofs ta' filghaxija gewwa Blk 14, Dr 1, Flat 9, Trejqet il-Ward, Santa Lucia bla ordni skond il-ligi tal-awtoritajiet kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill hati, jarresta izzomm jew jissekwestra, qaflet lil bintha Raisa Mangion ta' ghaxar snin kontra l-volonta taghha u dan bi ksur tal-artikolu 86 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi missier il-minuri Raisa Mangion ghamel rapport fid-8.45pm illi t-tifla tiehu ta' ghaxar snin li kienet fil-kustodja ta' ommha thalliet wahidha imsakkra fid-dar minghajr sorveljanza ta' adult.

L-ufficjal prosekutur (ara xhieda a fol 9 et seq) xhedet illi l-pulizija kienu ircevew dan ir-rapport u allura hija personalment marret fil-fond indikat fic-citazzjoni u sabet lil minuri ta' ghaxar snin li "kienet tidher kalma bizzejjed pero xtaqet tohrog". Taht il-gallarija kien hemm misserha, Carmel Mangion .

Mitkellem Carol Mangion stqarr lill-ufficjal prosekutur li t-tifla ma setghetx iccempel ghaliex ma' kelliex telefon, la mobile u l-anqas t-telefon normali.

Illi ghalhekk gie deciz illi jigi sgassat il-bieb bl-ghajnuna tal-protezzjoni Civili pero lahqet giet il-mama taghha.

Meta giet investigata l-imputata, din qalet lill-pulizija car u tond illi ma kellhiex alternattiva. Illi zewgha kien ilu ma jghaddielha manteniment minn Mejju tant illi spiccawlha il-flus u kienet kostretta tfittex x-xoghol u fil-fatt kienet f'job interview meta sehh dan il-kaz.

Illi mistoqsija ghaliex ma sabitx lil xi hadd tal-familja biex jindokra lit-tifla sakemm marret ghall-interview, l-imputata stqarret illi hija kienet ghada kemm marret tghix ghar-rasha ma bintha u li l-genituri taghha ma kellhomx pjacir b'dan u kienu intrefghu ftit u allura ma setghetx titlobhom.

Illi meta accedew il-pulizija fil-fond wara li kienet giet l-imputata kollha ddikjaraw ili l-post kien kkurat u nadif u li t-tifla kellha l-ikel ppreparat bil-lest fuq il-mejda. Qalu wkoll illi t-tifla kellha mobile.

L-imputa stqarret illi peress illi zewgha kien ta’ spiss jcempilha u jkellimha hazin fuq it-telefon u ghalhekk meta rat tiela in-numru tieghu fuq il-mobile ma rrisponditux.

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa r-rapport psikologiku fuq Raisa Mangion maghmul minn Mariella Blackman.

Ikkunsidrat:-

Illi l-artikolu li bih tinsab akkuzata l-imputata huwa Art 86 jipprovdi:-
“Whosoever without a lawful order from the competent authorities, and saving the cases where the law authorises private individuals to apprehend offenders, arrests, detains or confine any person against the will of the same, or provides a place for carrying out such arrest, detention or confinement, shall, on conviction, be liable to inprisonment for a term from seven months to two years.

Provided that the court, may, in minor cases, award inprisonment for a term from one to three months or a fine (multa)”

Illi din il-Qorti ma tarax illi c-cirkostanzi li jiccirkondaw dan il-kaz huma tali li jinkwadra taht l-artikolu li jippressuponi arrest ilegali intenzjonat biex jivvola dritt ta’ individu ghal liberta tieghu jew biex jgieghlu jaghmel xi haga kontra ir-rieda tieghu.

Ic-cirkostanzi tal-kaz in ezami huwa sfortunat u din il-Qorti temmen illi l-imputata giet kostretta biex thalli t-tifla taghha ta’ ghaxar snin, wahidha sforz n-nuqqas ta’ zewgha li jmantnieha.

Illi in oltre din it-tifla, li l-Qorti kellha l-opportunita tismaghha wahedha, wara li nghatat permess ghal dan lill-partijiet kollha, u rat illi hija tifla prekoci, konfidenti hafna, u

matura hafna aktar mill-eta taghha. Hija tifla li hija attakkata hafna ma missierha li jtieha hafna rih u tidher wkoll illi hija ‘primed’ minn missierha biex taghti certu informazzjoni dwar l-omm.

Ghalhekk il-Qorti temmen li apparti l-fatt illi l-speci tal-kaz in ezami forsi setghu jinkwadraw b’xi mod remott taht l-abbandun/negligenza, il-kawza giet intavolata b’pretext, sabiex il-missier jkollu skuza jew “levarage” sabiex jiehu il-kura u kustodja ta’ bintu.

Illi mhuwiex sew li missier jonqos milli jaghti manteniment ghal zmien konsiderevoli, jikkrea sitwazzjoni impossibbli ghal ghixien ta’ martu u bintu u jikkostringi lil martu taghmel sforzi ddisprati ghat-tfittxija ta’ xoghol ghal ghixien tal-familja, jigi ppremjat bil-kalpestazzjoni tal-omm u tehid tal-kustodja tal-bint minn idejha.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hatja u tilliberaha.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------